

Brussell, 20 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13215/23
ADD 1

ECOFIN 902
FIN 937
UEM 250

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 19 ta' Settembru 2023

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett: ANNESS
tar-
RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL
dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: It-triq 'il
quddiem

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 545 final ANNEX 1 Part 1/2.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2023
COM(2023) 545 final

ANNEX 1 – PART 1/2

ANNEX

tar-

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: It-triq 'il quddiem

ANNEX 1 – Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Istati Membri tal-UE¹

Il-Belġju

Il-Belġju ppreżenta l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (recovery and resilience plan, RRP) attwali tiegħu fit-30 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-23 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 5,9 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Belġju ġiet aġġornata wkoll fit-30 ta' Ġunju 2022 għal EUR 4,5 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Belġju ppreżenta RRP emendat lill-Kummissjoni fl-20 ta' Lulju 2023 biex iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF, biex jindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, u biex jitlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, u l-mobbiltà sostenibbli. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Belġju għadha għaddejja fiż-żmien tat-tnejn ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Belġju għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mal-mobbiltà u x-xogħlijiet pubbliċi, il-produttività, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni, u l-inklużjoni diġitali u soċjali. Dan jikkonsisti f'35 riforma u 105 investimenti li huma appoġġati b'EUR 5,9 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 1,2 % tal-PDG. Ġew adottati pjanijiet ta' rkupru komplementari f'livelli differenti tal-gvern. Il-Kummissjoni żborżat EUR 770 miljun lill-Belġju fi prefinanzjament fit-3 ta' Awwissu 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Belġju tinsab għaddejja, iżda b'riskju ta' dewmien li qed jiżdied. Il-Belġju għadu ma ppreżentax talba għall-pagament. Se tkun meħtieġa governanza effettiva biex tippermetti implimentazzjoni rapida u kostanti.


Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokat għal kull pilastru tal-politika fl-RRP Belġjan.

¹Għall-fini ta' dan l-anness, id-data u ċ-ċifri kollha huma ppreżentati b'data limitu tal-1 ta' Settembru 2023, għalkemm l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri għadha l-istess mir-Rapporti tal-Pajjiżi ppubblikati fil-pakkett tas-Semestru Ewropew tar-rebbieġha 2023.

Il-Borża ta' Brussell ibbenefikat mill-appoġġ tal-RRF għar-rinnovazzjoni tagħha li tlestiet dan l-aħħar, li se tirriżulta fi ffrankar sinifikanti tal-enerġija.



Drittijiet tal-awtur: il-Gvern Federali tal-Belġju




Illustrazzjoni 1: Sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika — il-Belġju

Nota: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokkazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRF. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni2: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Belġju



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru jiġi ddeterminat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-Bulgarija

Il-Bulgarija ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fil-15 ta' Ottubru 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-7 ta' April 2022 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-28 ta' April 2022 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 6,3 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Bulgarija ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 5,7 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli. Ma ġiet ippreżentata l-ebda reviżjoni tal-pjan fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Bulgarija għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, l-ambjent tan-negozju, inkluż l-istat tad-dritt, l-inklużjoni soċjali, l-aċċess għal edukazzjoni, taħriġ u kura tas-saħħa ta' kwalità. Dan jikkonsisti f'47 riforma u 56 investment li huma appoġġati b'EUR 6,3 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li rrappreżentaw madwar 10,2 % tal-PDG fl-2019.

L-RRP tal-Bulgarija jinsab għaddej, iżda b'riskju dejjem akbar ta' dewmien. Il-Bulgarija ppreżentat talba għall-pagament waħda, li tikkorrispondi għal 22 stadju importanti u miri fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 1,37 biljun fis-16 ta' Diċembru 2022. It-22 stadju importanti relatati jkopru l-ewwel passi importanti fir-riformi u l-investimenti lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija, il-promozzjoni tal-użu fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali, ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, it-tisħiħ tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus, id-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku, it-tisħiħ tal-adegwatezza u l-kopertura tal-iskema ta' introjtu minimu. Ġew inklużi wkoll miżuri biex jiġi żgurati li s-sistema ta' awditjar u kontroll għall-implimentazzjoni tal-RRF tilħaq l-istandard. Livell għoli ta' instabbiltà governattiva wassal għal dewmien fir-riformi leġiżlattivi ewlenin, bħal dawk dwar l-akkwist pubbliku, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u r-responsabbiltà tal-prosekutur ġenerali. In-nuqqas ta' stabbiltà politika u kapacià amministrattiva ssarra ukoll fi tnaqqis fir-ritmu tal-ħidma ta' implimentazzjoni fuq diversi investimenti importanti fl-enerġija u t-trasport u d-dubji dwar aspetti ewlenin tal-pjan, jiġifieri dwar id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija. Il-gvern il-ġdid stabbilixxa l-implimentazzjoni tal-pjan bħala prijorità. It-tieni talba għall-pagament ittardjat u issa hija pplanata għall-ħarifa tal-2023. Madankollu, hemm riskju sinifikanti li fiż-żmien tal-preżentazzjoni ma jitwettqux diversi stadji importanti u miri relatati ma' riformi ewlenin. Il-ħidma fuq l-addendum tal-pjan u l-kapitolu REPowerEU għadha għaddejja iżda jenħtieġ li tiġi aċċellerata, filwaqt li tinżamm l-enfasi fuq l-implimentazzjoni. Għadu mhux ċar meta din il-ħidma tista' tiġi ffinalizzata minħabba s-sitwazzjoni politika.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mill-Bulgarija u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għall-Bulgarija

➤ *Riforma*

Il-Bulgarija nediet riforma, li għandha l-għan li ttejjeb l-adegwatezza u l-kopertura tal-iskema ta' introjtu minimu tagħha. Permezz tal-adozzjoni tal-emendi leġislattivi rilevanti, bejn l-2022 u l-2024 il-Bulgarija introduċiet żieda gradwali tal-livelli limitu tal-introjtu għall-benefiċjarji potenzjali kollha tal-iskema ta' introjtu minimu. Dan huwa pass importanti fl-indirizzar tal-isfidi soċjali li ilhom jeżistu fil-pajjiż.

➤ *Investiment*


Il-Bulgarija bdiet il-kostruzzjoni ta' sezzjoni tal-Linja 3 tal-metro ta' Sofija għal tul totali ta' 3 km li jkopri tliet stazzjonijiet. Se tipprovdi servizz tat-trasport pubbliku nadif, rapidu u effiċjenti għall-passiġġieri b'konnessjonijiet intermodali. L-investiment huwa mistenni li jippermetti t-trasport ta' 7,6 miljun passiġġier fis-sena bħala medja mill-2026. Bit-tisħiħ tat-trasport pubbliku għall-abitanti tal-belt, dan il-proġett huwa mistenni li jwassal għal tnaqqis fil-gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja, u tnaqqis fl-għadd ta' karozzi li jiċċirkolaw fil-belt. Il-kuntratti dwar ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġew iffirmati u l-implimentazzjoni għadha għaddejja.

L-Istazzjon tal-Università Medika fuq il-Linja 3 tal-metro



Drittijiet tal-awtur: il-Gvern Bulgaru


Illustrazzjoni3: Żborż għal kull pilastru — il-Bulgarija



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-ittikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni4: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Bulgarija



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru jġi ddeterminat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni5: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri — il-Bulgarija



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Iċ-Ċekja

Iċ-Ċekja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fl-1 ta' Ġunju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-8 ta' Settembru 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 7 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għaċ-Ċekja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 7,7 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, iċ-Ċekja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF, biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, u biex titlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, u l-infrastruttura ferrovjarja. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni taċ-Ċekja għadha għaddejja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) taċ-Ċekja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-trasformazzjoni diġitali, it-tranżizzjoni ekoloġika, l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol, l-amministrazzjoni pubblika, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-kura tas-saħħa. Dan jikkonsisti f'37 riforma u 85 investiment li huma appoġġati b'aktar minn EUR 7 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżenta aktar minn 3 % tal-PDG fl-2021 biex il-pajjiż jiġi megħjun jindirizza sfidi soċjali u ekonomiċi. Il-Kummissjoni żborżat EUR 915-il miljun liċ-Ċekja fi prefinanzjament fit-28 ta' Settembru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP taċ-Ċekja tinsab għaddejja, iżda b'riskju ta' xi dewmien. Iċ-Ċekja ppreżentat talba għall-pagament waħda, li tikkorrispondi għal 37 stadju importanti u miri fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 928 miljun fit-22 ta' Marzu 2023. Is-37 stadju importanti u miri relatati jkopru r-riformi tal-kurrikuli tal-iskejjel biex jiġi promoss il-litteriżmu diġitali u l-ħiliet diġitali, l-eSaħħa, is-sistema ta' awditjar u kontroll tal-pajjiż għall-implimentazzjoni tal-RRF u l-liġi dwar ir-reġistrazzjoni tas-sidien benefiċjarji, kif ukoll investimenti għar-rikostruzzjoni ta' tliet pontijiet ferrovjarji, 45 passaqġ invell ferrovjarju aktar sikuri u għodod diġitali għall-edukazzjoni. Hemm bżonn ta' aktar titjib fil-kapaċità amministrattiva u l-prijoritizzazzjoni tar-riformi u l-investimenti ewlenin għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-pjan.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu miċ-Ċekja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għaċ-Ċekja

➤ *Riforma*

Fl-aħħar ta' Settembru 2021 daħal fis-seħħ Att ġdid dwar il-Kostruzzjoni fiċ-Ċekja. Dan l-istadju importanti huwa parti minn riforma li għandha l-għan li ġġib livell għoli ta' diġitalizzazzjoni fil-proċess ġenerali tal-permessi tal-kostruzzjoni. Permezz tad-diġitalizzazzjoni, il-liġi aċċellerat il-proċess tal-permessi tal-bini u naqqset l-għadd ta' awtoritajiet regolatorji involuti. B'hekk, huwa inqas probabbli li n-negozji tal-kostruzzjoni jkollhom jinvestu ammont sproporzjonat ta' ħin u riżorsi sabiex jirċievu permess. It-tnaqqis fl-għadd ta' awtoritajiet regolatorji jgħin ukoll biex jiġu stabbiliti raġunijiet għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni u għodod diġitali ġodda fil-ħidma tagħhom.


➤ *Investiment*

Iċ-Ċekja ilha timplimenta investiment kbir biex tipprevjeni l-esklużjoni diġitali billi tiżgura l-aċċessibbiltà tat-tagħmir diġitali għall-istudenti kollha. Ipprovdiet finanzjament għat-tagħmir tal-ICT (informazzjoni u komunikazzjoni) għall-apprendiment mill-bogħod lill-iskejjel sabiex tippermetti l-apprendiment mill-bogħod. Għan ewlieni ieħor ta' dan l-investiment huwa li l-iskejjel jiġu mġhamra b'teknoloġiji diġitali bażiċi u avvanzati biex jappoġġaw il-litteriżmu diġitali u t-tagħlim modern. L-iskejjel se jirċievu wkoll assistenza teknika permezz ta' sit web apposta, webinars, u network ġdid ta' riferenti tal-IT.

Kważi 10 000 kindergarten u skola se jiġu mġhamra b'teknoloġiji bħal għodod ta' realtà awmentata u virtwali, tagħmir tar-robotika, u printers 3D




Illustrazzjoni6: Żborż għal kull pilastru — iċ-Ċekja



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni7: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — iċ-Ċekja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni8: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri — iċ-Ċekja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ievalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

resilience-scoreboard/country_overview.html

Id-Danimarka

Id-Danimarka ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fit-30 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 1,55 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għad-Danimarka ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 1,43 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, id-Danimarka ppreżentat it-talba tagħha biex jiġdied kapitolu REPowerEU mal-RRP tagħha fil-31 ta' Mejju 2023, b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-iżvilupp ta' ħilet ekoloġiċi, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju u t-tkomplija tas-sostituzzjoni tal-berners taż-żejt u l-fran tal-gass. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tad-Danimarka għadha għaddejjja fiż-żmien tat-tnejn ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tad-Danimarka għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u jsaħħa ir-reżiljenza tas-settur tal-kura tas-saħħa. Dan jikkonsisti f'10 riformi u 42 investiment li huma appoġġati b'EUR 1,43 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 0,46 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat EUR 202 miljun lid-Danimarka fi prefinanzjament fit-2 ta' Settembru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokkazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tad-Danimarka tinsab fi stadju avvanzat. Id-Danimarka ppreżentat talba għall-pagament waħda, li tikkorrispondi għal 25 stadju importanti u miri fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 301 miljun fis-27 ta' April 2023. It-23 stadju importanti u ż-żewġ miri relatati jkopru r-riformi u l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-agrikoltura, id-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa, ir-riforma tat-taxxa ekoloġika, it-taxxi fuq l-emissjonijiet għall-industrija, it-tassazzjoni tal-vetturi, il-mobbiltà sostenibbli, kif ukoll ir-riċerka, l-iżvilupp, u l-innovazzjoni. Lil hinn mill-ewwel talba għall-pagament, l-implimentazzjoni tal-pjan tinsab fit-triq it-tajba, li se tirriżulta fil-preżentazzjoni tat-tieni pagament skedat sa tmiem l-2023.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mid-Danimarka u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għad-Danimarka

➤ Riforma

Riforma tat-taxxa ekoloġika għandha l-għan li tagħti ħajja ġdida lill-investiment kummerċjali ekoloġiku permezz ta' inċentivi fiskali. Se żżid it-tassazzjoni fuq l-enerġija u eventwalment tintroduċi taxxa uniformi fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-inċentivi addizzjonali rigward it-taxxa fuq l-investiment tan-negozju u t-tassazzjoni oġhla

sussegwenti mħabbra fuq l-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jirrappreżentaw inċentivi qawwija biex jiżiedu l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

➤ **Investiment**


Id-Danimarka waqqfet skema ta' sussidji biex tissostitwixxi l-berners taż-żejt u l-fran tal-gass fl-unitajiet domestiċi privati b'pompi tas-sħana elettriċi jew tisħin distrettwali. L-iskema ta' sussidji tkopri parti mill-kostijiet tas-sostituzzjoni tal-berners taż-żejt/fran tal-gass eżistenti fl-unitajiet domestiċi privati u tal-installazzjoni tal-pompi tas-sħana elettriċi jew l-aċċess għat-tisħin distrettwali minflok. Dan jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwils fossili (żejt u gass) filwaqt li jħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika lejn użu akbar ta' sorsi ta' enerġija sostenibbli (bħar-riħ jew ix-xemx jew it-tisħin distrettwali).

Installazzjonijiet lil hinn mill-kosta li jwasslu enerġija sostenibbli appoġġati minn miżuri tal-RRP



Drittijiet tal-awtur: il-Kummissjoni Ewropea


Illustrazzjoni9: Żborż għal kull pilastru — id-Danimarka



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni 10: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — id-Danimarka



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni 11: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri — id-Danimarka



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun invaluatatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-Ġermanja

Il-Ġermanja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fit-28 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-22 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 25,6 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Ġermanja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 28 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Ġermanja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2022 biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li għamluha impossibbli li jitwettqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-aġġornament tal-pjan tal-Ġermanja kien ta' natura teknika. Dan kien jikkonċerna żewġ miżuri fil-pjan tal-Ġermanja, waħda relatata mad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji (minħabba dewmien eċċezzjonali fil-kostruzzjoni, id-data tattlestija tagħha kellha tiġi posposta), u l-oħra mar-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini kontra s-SARS-CoV-2 (emenda tal-istadji importanti minħabba l-inċertezza fl-eżiti tar-riċerka u l-iżvilupp). L-RRP rivedut ġie approvat mill-Kunsill fl-14 ta' Frar 2023 għal allokazżjoni totali ta' EUR 26,4 biljun. Ma ġie ppreżentat l-ebda Kapitolu REPowerEU fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP attwali tal-Ġermanja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, biex titjeb is-sistema edukattiva, il-kura tas-saħħa u l-amministrazzjoni pubblika tagħha. Dan jikkonsisti fi 15-il riforma u 25 investiment li huma ffinanzjati b'EUR 26,4 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 0,8 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat EUR 2,25 biljun lill-Ġermanja fi prefinanzjament fis-26 ta' Awwissu 2021, li huwa ekwivalenti għal 9 % tal-allokazżjoni finanzjarja (inizjali).


L-RRP Ġermaniż jgħin liċ-ċittadini jaqilbu għal vetturi elettriċi nodfa billi jagħti appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' aktar minn 560 000 vettura dekarbonizzata



L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Ġermanja tinsab għaddejja, iżda b'dewmien sinifikanti. Ir-riżorsi limitati marbuta mal-implimentazzjoni tal-pjan u l-prijoritizzazzjoni insuffiċjenti wasslu biex il-Ġermanja taqa' lura fir-rigward tal-proċess ta' implimentazzjoni. Il-Ġermanja għadha kif iffirmit l-arranġamenti operazzjonali tagħha u waslet biex tippreżenta l-ewwel talba għall-pagament tagħha. Din it-talba tkopri 36 stadju importanti u miri li jsegwu l-progress fil-komponenti kollha tal-RRP, li potenzjalment iwasslu għal żborż ta' massimu ta' EUR 4 biljun.

Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika fl-RRP Ġermaniż.


Illustrazzjoni 12: Sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika — il-Ġermanja



Nota: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRP. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni 13: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Ġermanja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

L-Estonja

L-Estonja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fit-18 ta' Ġunju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fil-5 ta' Ottubru 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fid-29 ta' Ottubru 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 969,3 miljun f'għotjiet mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Estonja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 863,5 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, l-Estonja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fid-9 ta' Marzu 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF u biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li għamluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-RRP modifikat inkluda wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riforma addizzjonali waħda tas-sistema ta' permessi għall-enerġija rinnovabbli u żewġ investimenti ġodda biex tissaħħaħ il-grilja elettrika u jżiedu l-produzzjoni u l-użu tal-bijogass u tal-bijometan sostenibbli. L-RRP rivedut ġie approvat mill-Kummissjoni fit-12 ta' Mejju 2023 u mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2023.

L-RRP attwali tal-Estonja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-effiċjenza enerġetika u t-trasport sostenibbli, it-tranżizzjoni diġitali fis-settur pubbliku u privat, u s-saħħa u l-protezzjoni soċjali. Dan jikkonsisti fi 28 investiment u 17-il riforma li huma appoġġati b'EUR 953 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli u madwar 3,03 % tal-PDG. Sa issa ġew żborżati EUR 126,01 miljun lill-Estonja mill-RRF fi prefinanzjament fis-17 ta' Diċembru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja inizjali.

Kostruzzjoni għaddejja tal-linja tat-tramm tal-Port Antik ta' Tallinn iffinanzjata mill-RRF




Drittijiet tal-awtur: il-Kummissjoni Ewropea

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Estonja tinsab għaddejja. Minħabba l-inflazzjoni għolja u t-fixkil fil-ktajjen tal-provvista kkawżati mill-gwerra fl-Ukrajna, ftit investimenti ddewmu jew twaqqfu, li rriżulta fir-reviżjoni tal-pjan inizjali. Fit-30 ta' Ġunju 2023, l-Estonja ppreżentat l-ewwel talba għall-pagament magħmul mill-ewwel u t-tieni pagamenti parzjali u li jikkorrispondu għal 29 stadju importanti u mira waħda fil-pjan. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-talba għall-pagament għadha għaddejja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport.

Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika fl-RRP Estonjan.


Illustrazzjoni 14: Sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika — l-Estonja



Nota: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRF. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni 15: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — l-Estonja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRF rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRF rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

L-Irlanda

L-Irlanda ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fil-25 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-16 ta' Lulju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-8 ta' Settembru 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 989 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Irlanda ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 914-il miljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, l-Irlanda ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fit-22 ta' Mejju 2023 biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li għamluha impossibbli li jitwettqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-aġġornament tal-pjan tal-Irlanda kien ta' natura teknika u ġie adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2023. Ma ġie ppreżentata l-ebda Kapitolu REPowerEU fiż-żmien tat-tnejn ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP attwali tal-Irlanda għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u li jtejjeb l-irkupru soċjali u ekonomiku. Dan jikkonsisti f'disa' riformi u 16-il investiment li huma appoġġati b'EUR 914-il miljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 0,21 % tal-PDG tal-2021.

Mogħdija għaċ-ċiklisti li għadha kif inbniet appoġġata mill-RRF




L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Irlanda tinsab għaddejja, iżda b'dewmien sinifikanti. Ir-riżorsi limitati u l-prijoritizzazzjoni insuffiċjenti wasslu biex l-Irlanda waqgħet lura fir-

rigward tal-proċess ta' implimentazzjoni. L-ewwel talba għall-pagament, li tikkorrispondi għal 41 stadju importanti u miri fil-pjan, qed titħejja.

Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokat għal kull pilastru tal-politika fl-RRP Irlandiż.

Illustrazzjoni 16: Sehem tal-fondi tal-RRF allokat għal kull pilastru tal-politika — l-Irlanda



Nota: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokkazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRP. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-Greċja

Il-Greċja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fis-27 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 17,8 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 12,7 biljun f'self mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Greċja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 17,4 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Greċja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fil-31 ta' Awwissu 2023 biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jitwettqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF u biex titlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi, in-negozji u l-utilitajiet, il-ħolqien ta' suq għall-idroġenu rinnovabbli, il-bijometan u l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju, iż-żieda fil-penetrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, b'miżuri li jippromwovu l-ħżin tal-enerġija, kif ukoll riformi li jippromwovu r-riħ lil hinn mill-kosta u t-tranżizzjoni lejn grilja intelliġenti u l-kondiviżjoni tal-enerġija. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Greċja għadha għaddejja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Greċja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-impjiegi, il-ħiliet u l-koeżjoni soċjali, l-investiment privat u t-trasformazzjoni ekonomika u istituzzjonali. Dan jikkonsisti fi 68 riforma u 106 investimenti li huma appoġġati bi EUR 17,4 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 12,7 biljun f'self, li jirrappreżentaw 14,5 % tal-PDG fl-2022. Il-Kummissjoni żborżat EUR 3,96 biljun lill-Greċja fi prefinanzjament fid-9 ta' Awwissu 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokkazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Greċja sa issa tinsab fi stadju avanzat, iżda qed tiffaċċja xi sfidi fil-futur. Il-Greċja ppreżentat tliet talbiet għall-pagament għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u żewġ talbiet għall-pagament għal appoġġ fil-forma ta' self, li jikkorrispondu għal 85 stadju importanti u miri fil-pjan. It-tielet talba għall-pagament għal EUR 1,72 biljun ġiet ippreżentata fis-16 ta' Mejju 2023 u qed tiġi vvalutata mill-Kummissjoni fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali. Sal-lum, il-Greċja rċeviet żborż globali ta' EUR 7,1 biljun għal żewġ talbiet għall-pagament approvati, eskluż il-prefinanzjament. Filwaqt li l-Greċja bdiet bit-tajjeb, hemm riskji sostanzjali għall-futur, li jiġġustifikaw sforzi kontinwi biex jinżamm u jissaħħaħ il-momentum tal-implimentazzjoni. Il-pjan fih għadd sinifikanti ta' riformi u investimenti li d-daqs tagħhom jirrappreżenta piż amministrattiv kbir. F'dan l-istadju, l-implimentazzjoni tal-pjan qed tilħaq fażi li se tiddependi fuq l-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali, li l-kapaċità amministrattiva u ta' implimentazzjoni tagħhom hija ġeneralment dgħajfa. It-tlestija ta' għadd ta' miżuri fil-pjan teħtieġ sensiela ta' passi preparatorji, inklużi proċeduri ta' akkwist pubbliku. L-iżgurar ta' progress f'waqtu ma'

dawn se jirrikjedi koordinazzjoni b'saħħitha kontinwa ta' korpi ta' implimentazzjoni lokali u reġjonali u assistenza lilhom.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mill-Greċja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għall-Greċja

➤ Riforma

Il-Greċja adottat riforma mmirata lejn is-simplifikazzjoni tal-qafas ta' liċenzjar għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri, ħinijiet tar-rispons amministrattivi iqsar u vinkolanti u proċeduri ta' responsabbiltà għal dewmien bla bżonn, filwaqt li jitnaqqsu d-dokumentazzjoni u l-proċeduri meħtieġa. Ir-riforma tinkludi l-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz taħt il-Ministeru għall-Ambjent bil-kompitu li jżomm is-sorveljanza tal-proċess kollu tal-liċenzjar. Barra minn hekk, pjattaforma diġitali se tgħaqqad id-diversi subsistemi u bażijiet tad-data tal-korpi involuti fl-għoti ta' permessi, u tippermettilhom jikkomunikaw aħjar bejniethom u mal-investituri. Ir-riforma se tgħin lill-Greċja tnaqqas iż-żmien medju ta' liċenzjar għall-enerġija rinnovabbli minn 5 snin għal 14-il xahar u tiżviluppa mill-inqas 3,5 GW ta' ħżin tal-enerġija sal-2030.

Il-kapaċità fotovoltajka ġdida se tiżdied fil-Greċja bis-saħħa tar-riforma tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli appoġġata mill-RRF




➤ Investiment

L-RRP Grieg jagħmel disponibbli EUR 12,7 biljun f'self biex jipprovdi finanzjament lill-kumpaniji u jappoġġa l-investiment privat fl-oqsma tat-tranżizzjoni ekoloġika, id-diġitalizzazzjoni, iż-żieda fil-kapaċità tal-esportazzjoni, l-ekonomiji ta' skala u l-innovazzjoni. Sabiex dan il-finanzjament jiġi dirett lejn is-settur privat, il-Greċja stabbiliet il-Faċilità ta' Self. Dan twettaq permezz tal-adozzjoni tal-qafas ta' governanza tagħha, kif

ukoll ftehimiet iffirmati ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u sejħiet lil banek kummerċjali, li huma s-sħab ta' implimentazzjoni. Dan il-qafas jipprevedi salvagwardji robusti biex tiġi żgurata l-affidabbiltà kreditizja tal-kumpanija mutwatarja, il-vijabbiltà finanzjarja tal-proġetti, ir-ripagament tal-fondi u l-konformità mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-RRP Grieg. Il-Faċilità ta' Self tipprovdi likwidità sostanzjali lis-settur privat bl-impenn li l-istituzzjonijiet finanzjarji jinvestu mill-inqas 38,5 % tal-fondi biex jappoġġaw it-tranżizzjoni klimatika u mill-inqas 20,8 % tal-fondi biex jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali. Bl-iffirmar ta' kuntratti ta' self b'valur ta' mill-inqas EUR 586,4 miljun bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-investituri, il-Greċja laħqet l-ewwel mira mill-Faċilità ta' Self qabel iż-żmien skedat.

Illustrazzjoni 17: Żborż għal kull pilastru — il-Greċja



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html



Illustrazzjoni 18: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Greċja

Illustrazzjoni 19: Self totali żborżat mill-RRF — il-Greċja


Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti

Nota: Din il-graff turi l-ammont ta' self żborżat sa issa mill-RRF. Is-self huwa kontribuzzjoni finanzjarja ripagabbli. L-ammont totali ta' self mogħti lil kull Stat Membru huwa ddeterminat mill-valutazzjoni tat-talba għas-self tiegħu u ma jistax jaqbeż is-6,8 % tal-ING tal-2019 tiegħu.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF



Illustrazzjoni20: Status tat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri – il-Greċja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun iġvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Spanja

Spanja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fit-30 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-16 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 69,5 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Spanja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 77,2 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, Spanja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fis-6 ta' Ġunju 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF, biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, u biex titlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali li għandhom l-għan li jkomplu jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħha. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni ta' Spanja għadha għaddejjja fiż-żmien tat-tnejn ta' dan ir-rapport.

L-RRP inizjali (u attwali) ta' Spanja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, it-tranżizzjoni diġitali, u li jtejjeb l-irkupru soċjali u ekonomiku. Dan jikkonsisti f'102 riformi u 112-il investiment li huma appoġġati b'EUR 69,5 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 6,5 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat EUR 9 biljun lil Spanja fi prefinanzjament fis-17 ta' Awwissu 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokkazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP ta' Spanja sa issa tinsab fi stadju avanzat, iżda qed tiffaċċja xi sfidi fil-futur. Spanja ppreżentat tliet talbiet għall-pagament, li tikkorrispondu għal 121 stadju importanti u miri fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 28 biljun. Il-miżuri tal-RRP implimentati sa issa jinkludu riformi fis-suq tax-xogħol, l-ewwel sett ta' riformi tal-pensjonijiet, il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u l-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa, l-approvazzjoni tal-Istrateġija tas-Saħħa Pubblika, u rieżami tal-Liġi dwar l-Insolvenza, il-Liġi dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, il-Liġi dwar it-Telekomunikazzjoni, il-Liġi dwar is-Sistema ta' Taħriġ Vokazzjonali integrata u l-liġi ġenerali dwar il-Komunikazzjoni Awdjoviżiva. Abbażi tad-data ppubblikata mill-awtoritajiet Spanjoli, l-investimenti appoġġati mill-RRP jinsabu fi stadju avanzat, u 76 % ta' aktar minn EUR 50 biljun ta' finanzjament tal-RRF ibbaġitjat fl-2021 u fl-2022 kien ġie impenjat sa tmiem l-2022. Ġew ittrasferiti EUR 20,6 biljun lir-reġjuni biex jimplimentaw investimenti mill-RRP. Filwaqt li Spanja kienet fost l-Istati Membri l-aktar avanzati fl-implimentazzjoni tal-pjan, issa qed tistenna li tirrevedih għal aktar mid-doppju tad-daqs tiegħu. Jenħtieġ li dan ikun akkumpanjat minn kapaċità amministrattiva suffiċjenti msaħħa biex jiġi żgurat l-assorbiment effettiv u effiċjenti tal-irkupru u r-reżiljenza u fondi oħra tal-UE u nazzjonali disponibbli.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu minn Spanja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għal Spanja

➤ ***Riforma***

Spanja emendat il-leġislazzjoni tagħha skont l-RRP bl-objettiv li tillimita l-użu ta' kuntratti temporanji għal każijiet debitament ġustifikati u li tiġġeneralizza l-użu ta' kuntratti indefiniti. Is-suq tax-xogħol Spanjol huwa kkaratterizzat minn livelli għoljin ta' impjieg temporanji. Ir-riforma tas-suq tax-xogħol approvata f'Diċembru 2021 qed tgħin biex jitnaqqas l-impjieg temporanju fis-settur privat. Kuntratti ġodda ffirmati matul l-2022 jindikaw tnaqqis mifrux fis-sehem ta' kuntratti b'terminu fiss, li b'mod ġenerali niżel għal 62 %, li jindika tnaqqis minn 90 % fl-2019. Is-sehem ta' impjegati temporanji fis-settur privat naqas għal 14,8 % fil-Q4 tal-2022, li jindika tnaqqis minn 23,9 % fil-Q4 tal-2021.

➤ ***Investiment***


Spanja approvat programm għat-titjib tal-kompetenza fl-edukazzjoni diġitali (imsejjaħ #CompDigEdu) u programm għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema edukattiva. Dawn il-programmi se jgħammru minimu ta' 240 000 klassi, iħarrġu 700 000 għalliem u jħejju jew jirrevedu l-istrateġija diġitali għal mill-inqas 22 000 ċentru tal-iskejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament, u jipprovdu 300 000 apparat diġitali konness (laptops, tablets) fi skejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament, f'kooperazzjoni mal-Komunitajiet Awtonomi.

Iċ-Ċentru ta' Eċċellenza Vokazzjonali Tknika huwa appoġġat mill-RRF



Drittijiet tal-awtur: il-Kummissjoni Ewropea

Illustrazzjoni 21: Żborż għal kull pilastru — Spanja




Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni 22: Total tal-appoġġ mhux

Illustrazzjoni 23: Status tat-twertiq tal-istadji

ripagabbli żborżat mill-RRF — Spanja



importanti u l-miri – Spanja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadji importanti jew mira twettget b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF
https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Franza

Franza ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fid-29 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-23 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 39,4 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Franza ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 37,5 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, Franza ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fl-20 ta' April 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF u biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut inkluda wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, l-industrija b'emissjonijiet żero netti u l-idroġenu rinnovabbli. L-RRP rivedut ġie approvat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ġunju 2023 u mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2023.

L-RRP attwali ta' Franza għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, iżid il-potenzjal tat-tkabbir u jsaħħaħ il-koeżjoni. Il-pjan jikkonsisti f'24 riforma u 73 investiment li se jkunu appoġġati b'EUR 40,3 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli (1,6 % tal-PDG). Il-Kummissjoni żborżat EUR 5,1 biljun lil Franza fi prefinanzjament f'Awwissu 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP ta' Franza tinsab għaddejja. Franza ppreżentat talba għall-pagament waħda, li tikkorrispondi għal 38 stadju importanti u miri fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 7 400 000 fl-4 ta' Marzu 2022. Dawn ikopru riformi fl-oqsma tal-finanzi pubbliċi, it-tibdil fil-klima, l-akkomodazzjoni, il-mobbiltà, is-suq tax-xoġhol, il-ħiliet u s-saħħa. Diversi miri jikkonċernaw investimenti kbar fl-oqsma tar-rinnovazzjoni enerġetika tal-binjiet, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, il-vetturi nodfa, ir-riċerka, l-impjieġ taż-żgħażaġh, u l-edukazzjoni. Franza ppreżentat ukoll it-tieni talba għall-pagament ta' aktar minn EUR 10,3 biljun fil-31 ta' Lulju 2023, li jikkorrispondi għal 55 stadju importanti u miri fil-pjan. Il-Kummissjoni qed tivvaluta t-tieni talba għall-pagament ta' Franza fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu minn Franza u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Rinnovazzjoni termali ta' bini storiku ta' akkomodazzjoni għall-istudenti fis-Cité Internationale Universitaire f'Pariġi.



Drittijiet tal-awtur: il-Kummissjoni Ewropea

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għal Franza

➤ ***Riforma***


Franza introduċiet Liġi dwar il-Klima u r-Reżiljenza, adottata fl-20 ta' Lulju 2021, biex tikkonforma mal-mira tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030. Din ir-riforma hija mistennija li tikseb tnaqqis stmat ta' bejn 56 u 74 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 b'kollox.

➤ ***Investiment***

Franza tintroduċi sussidji għat-tfittix tal-ħaddiema għaż-żgħażaġh taħt is-26 sena. L-RRF qed tiffinanzja 84 % tas-sussidji għat-tfittix tal-ħaddiema għaż-żgħażaġh taħt is-26 sena. L-impjegaturi li jimpjegaw żgħażaġh taħt is-26 sena jirċievu sa EUR 4 000 fis-sena għal kuntratt full-time. Fil-kuntest tal-RRP Franċiż, 337 000 żaġhżuġh kienu bbenefikaw mill-iskema sa nofs l-2021. Din l-iskema ta' appoġġ hija waħda mill-miżuri ewlenin tal-

*pjan għaż-żgħażaġh “I jeune, I solution” li tnieda fis-sajf tal-2020 biex kull persuna żagħżuġha fil-pajjiż tingħata soluzzjoni adegwata li tindirizza l-ħtiġijiet tagħha, kemm fl-
 edukazzjoni, it-taħriġ jew l-impjieg, l-ikkowċjar jew appoġġ finanzjarju.*


Illustrazzjoni24: Żborż għal kull pilastru — Franza



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni25: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — Franza



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-ġhotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni26: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri – Franza



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-Kroazja

Il-Kroazja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fl-14 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-8 ta' Lulju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-28 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 6,3 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Kroazja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 5,51 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Kroazja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fil-31 ta' Awwissu 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF, biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, u biex titlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU għal b'riforzi u investimenti addizzjonali u fuq skala akbar relatati mas-sigurtà tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet, it-trasport, u l-idroġenu rinnovabbli. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Kroazja għadha għaddeja fiż-żmien tat-tnejn ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Kroazja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mal-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, it-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika u soċjali, u l-bini ta' amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti. Dan jikkonsisti f'76 riforma u 146 investiment li huma appoġġati b'EUR 5,51 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 9,5 % tal-PDG tal-2021. Il-Kummissjoni żborżat EUR 818,4 miljun lill-Kroazja fi prefinanzjament fit-28 ta' Settembru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokkazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Kroazja tinsab fi stadju avvanzat. Il-Kroazja ppreżentat tliet talbiet għall-pagament, li jikkorrispondu għal 104 stadji importanti u miri fil-pjan. Sa issa ġew approvati żewġ talbiet għall-pagament li jikkorrispondu għal 59 stadju importanti u miri, li jirriżultaw fi żborż ġenerali ta' EUR 1,4 biljun. It-tielet talba għall-pagament għal EUR 700 miljun ġiet ippreżentata fl-24 ta' Lulju 2023 u qed tiġi vvalutata mill-Kummissjoni fiż-żmien tat-tnejn ta' dan ir-rapport annwali. F'dan l-istadju tal-implimentazzjoni tal-pjan, il-miżuri jikkonsistu fil-biċċa l-kbira fl-adozzjoni ta' dokumenti qafas strateġiċi nazzjonali (leġiżlazzjoni, strateġiji, programmi riveduti jew ġodda) biex titwitta t-triq għal infiq ta' investiment effiċjenti mill-pagamenti parzjali futuri. Sehem sinifikanti mill-fondi tal-RRP diġà huwa disponibbli taħt sejħiet għal proġetti u programmi ta' finanzjament immirati.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mill-Kroazja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għall-Kroazja

➤ ***Riforma***

Il-Kroazja adottat strateġija ġdida kontra l-korruzzjoni għall-2021–2030. Għandha l-għan li ssaħħaħ ir-regoli eżistenti u l-istituzzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li żżid it-trasparenza tal-ħidma tal-awtoritajiet pubbliċi. Se ttejjeb ukoll is-sistemi ta' ġestjoni biex tipprevjeni l-kunflitti ta' interess u tqajjem kuxjenza pubblika dwar il-ħsara kkawżata mill-korruzzjoni u l-ħtieġa li jiġu rrapportati l-irregolaritajiet.

➤ ***Investiment***


Il-Kroazja tat 75 kuntratt lil intrapriżi żgħar, medji u kbar, sabiex iżżid l-effiċjenza enerġetika fil-proċessi ta' produzzjoni industrijali tal-industrija tal-manifattura intensiva fl-enerġija u żżid l-użu ta' sorsi rinnovabbli. Fil-prattika, l-investimenti se jtejjbu l-proċessi tal-produzzjoni fl-industriji tal-manifattura sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija b'minimu ta' bejn 20 % u 40 %, skont it-tip ta' investiment.

Pannelli fotovoltajċi ffinanzjati mill-RRF installati fuq is-saqaf ta' SME f'Voćin, il-Kontea ta' Virovitica-Podravina



Drittijiet tal-awtur: il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja


Illustrazzjoni27: Żborż għal kull pilastru — il-Kroazja



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-ittikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni28: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Kroazja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni29: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri — il-Kroazja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ievalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

L-Italja

L-Italja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fit-30 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-22 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 68,9 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 122,6 biljun f'self mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Italja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 69 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, l-Italja ppreżentat żewġ RRP emendati lill-Kummissjoni, fil-11 ta' Lulju 2023 u fis-7 ta' Awwissu 2023 rispettivament. L-ewwel RRP emendat ġie ppreżentat biex jimmodifika sett speċifiku ta' stadji importanti u miri inklużi fir-raba' talba għall-pagament, minħabba ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jinkisbu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-ewwel aġġornament tal-pjan tal-Italja kien ta' natura teknika u ġie approvat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Lulju 2023 u ġie ppreżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni. It-tieni RRP emendat ġie ppreżentat biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF u biex jiġu indirizzati ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. It-tieni RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli, il-ħiliet ekoloġiċi, l-effiċjenza enerġetika u l-infrastruttura tal-elettriku. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-tieni preżentazzjoni tal-Italja għadha għaddeja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRF se tiffinanzja EUR 191,6 biljun ta' investiment fl-Italja matul il-perjodu 2022–2026 (10,7 % tal-PDG). L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Italja jikkonsisti f'132 investiment u 58 riforma. L-Italja hija l-akbar benefiċjarju tal-RRF f'termini assoluti. Il-Kummissjoni żborżat EUR 24,89 biljun lill-Italja fi prefinanzjament fit-13 ta' Awwissu 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Italja tinsab għaddeja, iżda b'riskju ta' dewmien li qed jiżdied. L-Italja ppreżentat tliet talbiet għall-pagament, li jikkorrispondu għal 151 stadju importanti u miri fil-pjan u li jirriżultaw fi żborż ġenerali ta' EUR 42 biljun (b'referenza għaż-żewġ talbiet għall-pagament ippreżentati). Fit-30 ta' Diċembru 2022, l-Italja ppreżentat it-tielet talba għall-pagament tagħha, li l-valutazzjoni preliminari tagħha ġiet approvata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Lulju 2023. Il-proċediment rapidu bl-implimentazzjoni tal-pjan u n-negożjar tal-emenda tiegħu huwa essenzjali minħabba n-natura temporanja tal-RRF fis-seħħ sal-2026.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mill-Italja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għall-Italja


➤ Riforma

L-Italja kompliet tagħmel sforz biex tirriforma l-amministrazzjoni pubblika billi tadotta l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti kollha dwar ir-riforma tal-impjegi pubbliċi. Il-leġiżlazzjoni primarja ġiet adottata fl-2022. L-atti ta' implimentazzjoni kollha issa daħlu fis-seħħ. Dan il-pass se jikkontribwixxi għal ġestjoni aktar effettiva u effiċjenti tal-forza tax-xogħol pubblika fl-amministrazzjoni pubblika Taljana, mir-reklutaġġ sal-progressjoni tal-karriera. L-atti ta' implimentazzjoni huma partikolarment rilevanti biex jiżguraw introduzzjoni effettiva tar-riforma u biex jikkontribwixxu għal implimentazzjoni omoġenja fl-amministrazzjonijiet pubbliċi. Ta' min jinnota li l-Italja diġà antiċipat xi atti sekondarji, li ġew adottati ferm qabel l-iskadenza prevista tagħhom, biex tfassal aħjar id-dispożizzjonijiet inkorporati fil-leġiżlazzjoni primarja u minħabba r-rilevanza tagħhom għall-implimentazzjoni konkreta tar-riforma.

➤ Investiment


L-Italja lestiet b'suċċess it-tfassil, it-tħejija, l-istabiliment u l-ittestjar ta' erba' ċentri tad-data, li jikkostitwixxu l-qalba ta' infrastruttura tal-clouds nazzjonali ġdida, imsejħa "Polo Strategico Nazionale" (PSN), iddedikata biex tospita s-sistemi ta' informazzjoni, id-data u l-applikazzjonijiet tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Il-fażijiet li jmiss tal-investiment se jikkonċernaw il-migrazzjoni lejn l-infrastruttura tal-clouds tas-settijiet tad-data u l-applikazzjonijiet ta' mill-inqas 280 Amministrazzjoni Pubblika Ċentrali u Awtoritajiet Lokali tal-Kura tas-Saħħa.

L-RRF se tappoġġa investimenti fiċ-ċentri tad-data biex tiżdied il-kapaċità tal-cloud tal-Italja.






Illustrazzjoni30: Żborż għal kull pilastru — l-Italja



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni31: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — l-Italja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-ghojjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' ghojjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni32: Self totali żborżat mill-RRF – l-Italja



Nota: Din il-graff turi l-ammont ta' self żborżat sa issa mill-RRF. Is-self huwa kontribuzzjoni finanzjarja ripagabbli. L-ammont totali ta' self mogħti lil kull Stat Membru huwa ddeterminat mill-valutazzjoni tat-talba għas-self tiegħu u ma jistax jaqbeż is-6,8 % tal-ING tal-2019 tiegħu.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni 33: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri – l-Italja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun iġvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Ċipru

Ċipru ppreżenta l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tiegħu fis-17 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-8 ta' Lulju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-28 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 1 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 0,2 biljun f'self mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Ċipru ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 916-il miljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, Ċipru ppreżenta RRP emendat lill-Kummissjoni fl-1 ta' Settembru 2023 biex iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF u biex jindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali u fuq skala akbar relatati mal-effiċjenza enerġetika fil-bini, l-eletrifikazzjoni tat-trasport, u r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni ta' Ċipru għadha għaddeja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) ta' Ċipru għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni doppja (ekoloġika u diġitali), is-saħħa pubblika u l-protezzjoni ċivili, u li jagħti spinta lir-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tiegħu. Dan jikkonsisti f'75 investiment u 58 riforma li huma appoġġati b'EUR 916-il miljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 200 miljun f'self, li jirrappreżentaw 4,1 % tal-PDG fl-2022 wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima. Il-Kummissjoni żborżat EUR 157 miljun lil Ċipru fi prefinanzjament f'Settembru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP ta' Ċipru tinsab għaddeja, iżda b'riskju ta' xi dewmien. Ċipru ppreżenta talba għall-pagament waħda, li tikkorrispondi għal 14-il stadju importanti fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 85 miljun fit-2 ta' Diċembru 2022. L-14-il stadju importanti jkopru miżuri fis-settur finanzjarju u fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fl-oqsma tas-suq tal-elettriku, l-effiċjenza enerġetika, l-ekonomija ċirkolari, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-trasparenza, il-ħiliet diġitali u l-awditjar u l-kontroll baġitarju. L-RRP Ċiprijott huwa relattivament kbir u kumpless fin-natura tiegħu. Governanza b'saħħitha u monitoraġġ kontinwu tal-RRP huma essenzjali biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' dewmien.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu minn Ċipru u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għal Ċipru

➤ **Riforma**

F'Ċipru daħlet fis-seħħ liġi li ttiproteġi lill-informaturi li jirrapportaw frodi u korruzzjoni minn sanzjonijiet interni. Flimkien mad-dħul fis-seħħ tal-Liġi li tistabbilixxi l-Awtorità Indipendenti kontra l-Korruzzjoni u mad-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar it-Trasparenza fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u Kwistjonijiet Relatati, din tipprovdi koerenza akbar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.


Ir-riforma appoġġata mill-RRF se ttejjeb il-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'Ċipru



➤ **Investiment**

Ċipru ppubblika sejħa għal proposti għal skema ta' appoġġ għall-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika b'mod partikolari fl-SMEs u fl-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, bl-għan li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja b'mill-inqas 30 % u l-emissjonijiet tas-CO2 fil-bini u/jew fil-faċilitajiet. L-interventi tal-effiċjenza enerġetika se jiġu implimentati bis-sħiħ sa tmiem l-2025.


Illustrazzjoni34: Status tat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri – Ċipru



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettget b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ievalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni 35: Żborż għal kull pilastru — Ċipru



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-ittekkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni 36: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — Ċipru



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF
https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni 37: Self totali żborżat mill-RRF – Ċipru



Nota: Din il-graff turi l-ammont ta' self żborżat sa issa mill-RRF. Is-self huwa kontribuzzjoni finanzjarja ripagabbli. L-ammont totali ta' self mogħti lil kull Stat Membru huwa ddeterminat mill-valutazzjoni tat-talba għas-self tiegħu u ma jistax jaqbeż is-6,8 % tal-ING tal-2019 tiegħu.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF
https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-Latvja

Il-Latvja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fit-30 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-22 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 1,8 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal-Latvja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 1,8 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli. Ma ġiet ippreżentata l-ebda revizzjoni tal-pjan fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Latvja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, l-inugwaljanzi reġjonali u soċjali, il-kura tas-saħħa, it-trasformazzjoni ekonomika u l-istat tad-dritt. Dan jikkonsisti f'24 riforma u 61 investiment li huma appoġġati b'EUR 1,8 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 5,58 % tal-PDG tal-Latvja fl-2021. Il-Kummissjoni żborżat EUR 237,4 miljun lil-Latvja fi prefinanzjament fl-10 ta' Settembru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokkazzjoni finanzjarja inizjali.

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Latvja tinsab fi stadju avvanzat. Il-Latvja ppreżentat talba għall-pagament waħda, li tikkorrispondi għal disa' stadji importanti fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 201 miljun fis-7 ta' Ottubru 2022. Id-disa' stadji importanti relatati jkopru riformi u investimenti ewlenin fl-oqsma tas-sistema ta' appoġġ għall-introjtu minimu, l-infrastruttura tal-broadband, l-infrastruttura tal-istituzzjonijiet edukattivi u l-apprendiment mill-bogħod. Oqsma oħra koperti huma l-akkwist pubbliku, il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa. It-tieni talba għall-pagament hija dovuta fl-2023 u se tkopri 49 stadju importanti u miri.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mil-Latvja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għal-Latvja

➤ Riforma

Il-Latvja tejbet il-kundizzjonijiet tar-riforma tal-introjtu minimu billi adottat qafas strateġiku għall-iżvilupp ulterjuri tas-sistema ta' appoġġ għall-introjtu minimu. L-objettiv ġenerali ta' din ir-riforma huwa li tnaqqas l-inugwaljanza, ittejjeb ix-xibka ta' sikurezza soċjali, trawwem l-integrazzjoni soċjali u l-inklużjoni fil-Latvja. Ir-riforma tirrevedi l-limitu minimu tal-introjtu minimu billi tistabbilix għal mhux inqas minn 20 % tal-introjtu medjan u tipprevedi proċedura għal indiċjar pożittiv li għandu jsir fuq bażi annwali. Qabel, is-sistema ta' introjtu minimu kellha limiti f'termini nominali u ġiet rieżaminata darba fi tliet snin. Il-qafas strateġiku kien jikkonsisti f'erba' partijiet, adottati

bejn Awwissu 2021 u Marzu 2022.


➤ **Investiment**

Il-Latvja pprovdiet aċċess għall-kontenut tat-tagħlim u ppermettiet lill-gruppi soċjalment vulnerabbli jipparteċipaw fl-apprendiment mill-bogħod. Fl-2021 ġie approvat qafas għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-apprendiment mill-bogħod fl-istituzzjonijiet edukattivi. L-investiment fl-RRP jikkonsisti fix-xiri ta' apparat tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ġenerali, b'appoġġ immirat għall-istudenti minn gruppi soċjalment vulnerabbli, għalliema u l-ħolqien ta' "librerija tal-programmi tal-kompjuter" fl-istituzzjonijiet edukattivi. Il-Latvja diġà adottat ir-regolamenti tal-Kabinett tal-Ministri li jstabbilixxu l-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-organizzazzjoni u t-twettiq tal-apprendiment mill-bogħod biex jiġi żgurat li l-apprendiment mill-bogħod jiġi organizzat u implimentat fl-istituzzjonijiet edukattivi u l-livelli tal-edukazzjoni Latvjani kollha. Fis-snin li ġejjin, il-Latvja se tipprovdi tagħmir tal-ICT lill-istudenti vulnerabbli.

Bl-apoġġ tal-RRF, fl-2021 ġie approvat qafas għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-apprendiment mill-bogħod fl-istituzzjonijiet edukattivi




Illustrazzjoni38: Żborż għal kull pilastru — il-Latvja



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni39: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Latvja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni40: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri — il-Latvja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF

https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html